# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar t-Tnejn**
**Tnejn u Għoxrin (22) ta’ Ġunju 2020**

**Rikors Numru 95/13 FDP**

Fl-ismijiet

**David Stothard Hansen**
**(ID 49420A)**

**Vs**

**Jason Coleiro**
**(ID 326775M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 31 ta’ Jannar 2013, li permezz tiegħu r-rikorrent talab is-segwenti:

> *1. Illi huwa kreditur tal-konvenut fis-somma ta’ disgħin elf Ewro [€90,000] rappreżentanti flus mislufa brevi manu mill-attur lill-konvenut, u dana in kwantu għas-somma ta’ €30,000 flus mislufa lill-konvenut sabiex isir investiment f’high-ups u in kwantu għal €60,000 flus mislufa bħala business loan lill-konvenut u dana sabiex ikunu jistgħu jimportaw karozzi mill-Ingilterra sabiex jbiegħuhom Malta, għal-liema ammont inħarġu 22 kambjala illi m’humiex datati pero’ iffirmati mill-istess konvenut, kopja ta’ liema qed tiġi annessa bħala Dok. DH1 sa Dok. DH22;*

*2. Illi għalkemm il-konvenut ġie debitament interpellat permezz ta' ittra legali datata l-20 ta' Marzu 2012 [kopja annessa bħala Dok. DH23], sabiex jersaq għall-ħlas tas-somma minnu dovuta, dan baqa' inadempjenti;*

*3. Illi dan id-debitu ta' disgħin elf Ewro [€90,000] huwa ċert, likwidu u dovut u l-konvenut m'għandu l-ebda eċċezzjonijiet validi fil-liġi x'jissolleva biex jopponi għat-talbiet ta' l-attur, u b'hekk jeżistu ċ-ċirkostanzi ikkontemplati fl-Artikoli 167-170 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smiegħ.*

*4. Illi għalhekk kellha tiġi istitwita din il-proċedura sabiex il-konvenut jiġi kkundannat illi jħallas id-dejn minnu dovut lill-attur fl-ammont ta' disgħin elf Ewro [€90,000];*

*Għaldaqstant l-attur umilment jitlob, għar-raġunijiet hawn fuq premessi, li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddeċiedi din il-kawża bid-dispensa tas-smiegħ ai termini ta' l-Artikoli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur s-somma ta' disgħin elf EWRO [€90,000] dovuti lil-attur rappreżentanti flus mislufa lilu brevi manu sabiex isir investiment f'high-ups kif ukoll sabiex jiġu importati vetturi mill-Ingilterra lejn Malta għall-bejgħ;*

*Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jiġi ppreżentat kontestwalment ma' din il-kawża u bl-imgħax bl-ogħla rata li tippermetti l-liġi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li hu minn issa nġunt in subizzioni.*

2. Rat illi fit-28 ta' Ġunju 2013, l-intimat irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

*Illi fl-ewwel lok din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni u dan stante li l-ftehim bejn il-partijiet sar il-Libya u n-negozju seħħ unikament il-Libya li huwa l-post fejn kellu jiġi eżegwit.*

*Illi fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-premess ma kien hemm l-ebda self mill-attur lill-konvenut iżda kien hemm business ossia 'joint venture' bejniethom fis-sens illi, u dan anke kif ingħad mill-attur stess, huma ftiehmu li flimkien jakkwistaw karozzi mill-lngilterra pero' kontrarjament għal dak li jgħid l-attur, l-esportazzjoni u eventwali bejgħ kien intiż biex isir il-Libya u fil-fatt il-vetturi ġew esportati hemm.*

*Iż-żewġ partijiet ħarġu l-kontrubizzjonijiet tagħhom rispettivi għal dan in-negozju u qabel ma dan in-negozju jiġi likwidat diviż, ma jistgħax jingħad min mill-partijiet għandu jħallas lill-ieħor u għalhekk f'dan ir-rigward, apparti li l-pretenzjoni attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt hija wkoll intempestiva.*

*Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u in linea sussidjarja, l-attur kien jaf illi n-negozju se jseħħ il-Libya u li f'dak iż-żmien dak il-pajjiż ma kienx stabbli u li kien hemm riskji kbar tant illi minħabba li qamet gwerra ċivili, l-esponenti spiċċa biex kellu jitlaq mill-Libya u n-negozju kollu li kien hemm il-Libya ġie abbandunat bl-assi kollha relattivi u dan jekwivali għall-forza maġġuri li għalih l-esponenti ċertament ma jaħtix u konsegwentement huwa m'għandux jirrispondi għal dawn il-konsegwenzi partikolarment billi anke l-esponenti tilef kull sehem u interess li kellu f'dan in-negozju.*

*Illi mingħajr preġudizzju għall-premess u in linea sussidjarja, kien hemm żmien meta kienu qed isiru tentattivi sabiex parti mill-assi ossia flus li kien hemm il-Libya joħorġu mill-pajjiż u l-partijiet ftehmu li jsiru kambjalijiet ħalli dawn ikunu jistgħu jiġu utilizzati mal-Bank Ċentrali tal-Libya biex jagħtu l-permess għall-esportazzjoni tal-flus iżda fil-fatt dan l-operat għal varji raġunijiet li m'humiex imputabbli għall-esponenti u bl-ebda mod m'għandu jinftiehem illi l-kambjalijiet (jekk għandhom xi valdita') ifissru li l-esponenti huwa debitur tal-attur.*

*Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.*

3. Rat illi fl-14 ta' Novembru 2013, fuq talba tar-rikorrenti, il-Qorti ordnat illi l-proċeduri jitkomplew bil-lingwa Ingliża (fol 60), liema digriet ġie revokat minn dina l-Qorti, kif ippresjeduta, fil-11 ta' Marzu 2020, stante illi l-lingwa tal-Qrati Maltin hija l-Malti w deċiżjonijiet ta' dawna l-Qrati għandhom jingħataw bil-lingwa uffiċjali tal-Qrati, ossija il-Malti. (fol 144)

4. Rat ix-xhieda, bil-lingwa Ingliża, ta' **Jason Coleiro**, mogħtija fis-26 ta' Novembru 2013. (fol 65)

5. Rat ix-xhieda ulterjuri in kontro eżami ta' Jason Coleiro mogħtija fit-30 ta' Jannar 2014. (fol 68)

6. Rat ix-xhieda ulterjuri in kontro eżami ta' Jason Coleiro mogħtija fl-4 ta' Novembru 2014. (fol 82)

7. Rat ix-xhieda ulterjuri in kontro eżami ta' Jason Coleiro mogħtija fis-6 ta' Novembru 2014. (fol 84)

8. Rat illi fis-6 ta' Novembru 2014 ġiet ippreżentata mir-rikorrenti xhieda ta' Jason Coleiro allegatament mogħtija quddiem il-Qorti fl-11 ta' Frar 2014, li tagħha ma

hemm ebda referenza fil-verbal tas-seduta u wisq anqas ma kien hemm kopja fil-proċess.

9. Rat ix-xhieda ta' David Stothard Hansen mogħtija fis-7 ta' Ottubru 2015. (fol 95)

10. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' David Stothard Hansen mogħtija fit-3 ta' Frar 2016. (fol 99)

11. Rat illi fil-5 ta' Mejju 2016 l-intimat għarraf lill-Qorti illi kien qiegħed jirtira l-ewwel difiża tiegħu, ossija fejn qajjem in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' dina l-Qorti.

12. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' David Stothard Hansen mogħtija fit-2 ta' Novembru 2016. (fol 107)

13. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' Jason Coleiro mogħtija fil-25 ta' Mejju 2017. (fol 116)

14. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' Jason Coleiro mogħtija fit-18 ta' Ottubru 2017. (fol 121)

15. Rat ix-xhieda ta' **Alison Mifsud Brimmer**, rappreżentanta tal-HSBC Bank Malta Plc, mogħtija fl-20 ta' Marzu 2018. (fol 130)

16. Rat ix-xhieda ulterjuri ta' Alison Mifsud Brimmer, mogħtija fl-10 ta' Mejju 2018. (fol 132)

17. Rat ix-xhieda in kontro eżami ta' Jason Coleiro illi saret fl-14 ta' Novembru 2018. (fol 135)

18. Rat illi fl-1 ta' Lulju 2019, dina l-Qorti, kif komposta, ħadet konjizzjoni tal-każ u l-partijiet għarrfu lill-Qorti illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.

19. Semgħet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet illi saret fil-11 ta' Marzu 2020, wara liema trattazzjoni il-kawża ġiet differita għas-sentenza, liema sentenza il-Qorti għamlitha ċara illi ser tkun bil-lingwa tal-Qorti, ossija il-lingwa Maltija.

20. Rat illi minħabba fl-egħluq tal-Qorti riżultat tal-pandemija Covid-19, il-Qorti ma setgħetx tippronunzja ruħha qabel illum.

## KONSIDERAZZJONIJIET

21. Il-Qorti tibda billi tesprimi l-inkredulita' tagħha kif, fuq medda ta' seba' snin, l-unika xhieda illi ġew prodotti kienu dawn tar-rikorrenti u ta' l-intimat, fejn ir-rikorrent xehed tlett darbiet u l-intimat xehed tmien darbiet, u fejn iż-żewġt partijiet dejjem irrepetew l-istess fatti – dilungar inġustifikabbli u dettat unikament mill-aġir tal-konsulenti legali tal-partijiet!

22. Jirriżulta, mill-provi prodotti, illi l-partijiet kienu, fi żmien, jaħdmu flimkien ġewwa l-Libya, fejn it-tnejn ħadmu flimkien għal sentejn u nofs mas-soċjetà Nagico

Company Limited, kumpannija involuta fil-qasam taż-żejt, u r-rikorrent Hansen Stothard kien il-Manager tal-kumpannija u l-intimat Jason Coleiro kien impjegat.

23. Jirriżulta illi wara li r-rikorrenti spiċċa jaħdem ġewwa l-Libya, l-intimat Coleiro baqa' jaħdem ġewwa l-Libya ma kumpanniji oħra, ossija Christian International u Selene Oil Field Service Limited, bħala sales executive, f'liema kumpanniji r-rikorrent ma kellu ebda involviment.[1]

24. Jirriżulta illi l-każ odjern jirrigwarda żewġt ammonti ta' flus illi allegatament ingħaddew lill-intimat mir-rikorrent, ossija ammont ta' sittin elf (€60,000) u ammont ieħor ta' tletin elf (€30,000).

25. Jirriżulta illi, dwar l-ammont ta' sittin elf (€60,000), mument minnhom, l-intimat ried jibda 'business venture' ma żewġt persuni involuti fis-soċjetà Selene Oil Field Services Limited, ossija Kaman Sherif u Mohammed Mawendi, liema attività kienet tinvolvi x-xiri ta' makkinarju industrijali sabiex jinkrew lil terzi bi qliegħ.

26. Jirriżulta illi, sabiex tali proġett jinbeda, l-intimat kien avviċina lir-rikorrent, illi kien jafdah, u talbu jisilfu ammont ta' flus sabiex ikun jista' jimporta minn l-Ingilterra għal Malta karozzi u high-ups.

27. Jirriżulta illi, skond ir-rikorrent, l-intimat qatt ma għamel referenza għal kwalsiasi business ġewwa l-Libja u wisq anqas ma semmielu illi l-intimat kien bi sħab ma persuni Libjani.[2]

28. Jirriżulta illi, l-intimat, mill-banda l-oħra, filwaqt illi jikkonferma illi r-rikorrent qatt ma kien jaf illi l-flejjes illi kienu ser jiġu lilu mislufa kienu ser jintużaw minn tali 'partners' Libjani,[3] jisħaq, mill-banda l-oħra, illi r-rikorrent kien ried jinvesti flejjes ġewwa l-Libya u kien għalhekk illi aċċetta l-proposta ta' l-intimat li jinvesti f' vetturi ġewwa l-Libya, liema 'business', del resto, l-intimat jisħaq kien jagħmel ukoll meta kien jaħdem mar-rikorrenti fis-soċjetà Nagiko Company Limited, u dana kien jafu ben tajjeb ir-rikorrent.[4]

29. Jirriżulta, madanakollu, illi mument minnhom, fost il-varji verżjonijiet tal-fatti mogħtija minn l-intimat quddiem dina l-Qorti, huwa stqarr illi "*Mr Hansen did not know what use was going to be made by the money he had lent*"[5]

30. Jirriżulta illi, eventwalment, r-rikorrent għadda l-ammont ta' sittin elf Euro (€60,000), fi flus kontanti lill-intimat, u dana permezz ta' varji pagamenti, liema flejjes, skond l-intimat ingħaddewlu kollha ġewwa l-Libya filwaqt illi, skond ir-rikorrent, dawna ingħaddew lill-intimat kollha ġewwa Malta, fejn kienu jiltaqgħu.

[1] Fol 82
[2] Fol 95
[3] Fol 84
[4] Fol 84
[5] Fol 84

31. Jirriżulta illi l-intimat għamel serje ta' kambjalijiet bla data, iżda lkoll minnu ffirmati, maħruġa a favur tar-rikorrenti, iżda mhux minnu ffirmati, fl-import totali ta' disgħa u ħamsin elf u tmien mitt Euro (€59,800).[6]

32. Jirriżulta illi, fi kliem l-intimat stess, "*I drew up bills of exchange so that when Mr Hansen would come to Libya and regain the amount of money he had lent me he could have some evidence to show him from where the money had come from.*"[7]

33. Jirriżulta, madanakollu, illi l-intimat huwa inkonsistenti fix-xhieda tiegħu dwar fejn ġew iffirmati tali kambjalijiet, fejn fix-xhieda tiegħu tas-26 ta' Novembru 2013 jgħid illi ġew iffirmati l-Libya[8] filwaqt illi fix-xhieda tiegħu tat-8 ta' Novembru 2014 jgħid illi ġew iffirmati ġewwa Malta. [9]

34. Jirriżulta ċert, iżda, illi ma saret ebda skrittura bejn il-partijiet dwar is-self ta' tali flejjes.

35. Jirriżulta illi, eventwalment, l-intimat ħa l-flus u beda jixtri għodda għall-kiri u saħansitra, mument minnhom qal lir-rikorrent sabiex jinżel il-Libya biex jiġbor parti minn flusu, iżda r-rikorrent irrifjuta illi jinżel ġewwa l-Libya biex jiġbor il-flus u insista li jġibhomlu l-intimat. [10]

36. Jirriżulta, madanakollu, illi eventwalment bdew l-irvellijiet ġewwa l-Libya fis-sena 2011 li wasslu għall-gwerra ċivili illi għadha għaddejja sa llum, u l-intimat kellu jaħrab mill-Libya u jmur jaħdem x'imkien ieħor.

37. Jirriżulta wkoll illi, skond l-intimat, huwa ħalla kollox hemm, inkluż inġenji u flus, u għalhekk ma seta' jgħaddi xejn lir-rikorrent.

38. Jirriżulta illi, apparti l-ammont ta' sittin elf Euro, ir-rikorrenti jikkontendi wkoll illi għadda lill-intimat ammont ieħor ta' tletin elf euro (€30,000), li minnhom għoxrin elf ingħaddew fil-kont bankarju ta' omm l-intimat, filwaqt illi l-kumplament ingħaddew cash lill-intimat.[11]

39. Jirriżulta wkoll, f'dan il-każ, illi ma saret ebda skrittura bejn il-partijiet dwar tali self.

40. Jirriżulta wkoll illi, a differenza tal-ammont ta' sittin elf euro illi kienu koperti bil-kambjalijiet, għal dana l-ammont ma hemm ebda dokumentazzjoni li juru l-eżistenza ta' tali self.

41. Jirriżulta wkoll, illi għalkemm r-rikorrenti jikkontendi illi għadda għoxrin elf Euro fil-kont ta' omm l-intimat, ir-rikorrent ma pprovda ebda dokument bankarju in

[6] Fol 3 sa 24
[7] Fol 85
[8] Fol 66
[9] Fol 85
[10] Fol 117 u 121
[11] Fol 107

sostenn ta' dan u rappreżentanta tal-Bank lokali ma setgħet ssib ebda kont bankarju intestat lil omm l-intimat, illi sadanittant kienet mietet.

42. Jirriżulta, finalment, illi għalkemm ir-rikorrent jikkontendi illi fit-12 ta' Ottubru 2009 l-intimat bagħat messaġġ lir-rikorrent fejn jikkonferma illi għal flejjes kellu jistenna sa' Jannar jew inkella jinżel għalihom il-Libya, ir-rikorrent ma ppreżenta ebda dokumentazzjoni in sostenn ta' tali asserzjoni tiegħu – lanqas dokument bankarju wieħed, anke meta saħaq illi ħallas permezz ta' Bank Draft[12].

## KONSIDERAZZJONIJIET FINALI

43. Il-Qorti tibda billi tgħid illi ma tistax ma tosservax dwar l-assenza totali ta' kwalsiasi tip ta' dokumentazzjoni u skritturi dwar it-trasferiment ta' madwar disgħin elf Euro bejn ir-rikorrent u l-intimat, u l-Qorti issibha diffiċli temmen illi dana sar unikament għax ir-rikorrent kien jafda lill-intimat.

44. Il-Qorti tosserva wkoll illi, madanakollu, l-unika dokumentazzjoni illi għandha fil-pussess tagħha il-Qorti hija kambjalijiet lkoll iffirmati mill-intimat u kkonfermati mill-intimat anke fil-varji xhieda tiegħu quddiem il-Qorti, liema kambjalijiet jagħmlu total ta' ħamsa u disgħin elf u tmien mitt Euro (€59,800).

45. Għalhekk, huwa dana l-ammont biss illi jista', semmai, jiġi kkunsidrat mill-Qorti, u ebda somma oħra illi jsemmi r-rikorrent ma tista' tiġi kkunsidrata.

46. Il-Qorti tosserva wkoll illi huwa ammess mill-intimat, illi l-intimat qatt ma kien għarrfu illi l-flejjes kienu ser jintużaw mill-'partners' Libjani ta' l-intimat u għalhekk l-Qorti mhix disposta temmen l-istorja ta' l-intimat illi r-rikorrent kien 'silent partner' miegħu, iżda, madanakollu, l-Qorti lanqas ma hija disposta temmen li r-rikorrent ma kienx jaf li l-flejjes kienu intiżi għall-użu ġewwa l-Libya, u dana stante illi quddiem il-Qorti huwa ammetta illi mument minnhom kien qal lill-intimat biex joħroġ il-flus mil-Libya għalih[13], indikazzjoni ċara li kien jaf li tali flejjes kienu qed jintużaw ġewwa l-Libya.

47. Il-Qorti hija konvinta illi l-intimat kien għarraf lir-rikorrent illi kellu proġett li seta' jrendi ħafna flus lir-rikorrent u kien għalhekk illi r-rikorrent sellef flus lill-intimat.

48. Il-Qorti, madanakollu, in vista tal-inkonsistenza fix-xhieda ta' Jason Coleiro fit-tmien darbiet illi ttella' jixhed, ssibha ferm u ferm diffiċli temmen illi meta huwa ħarab 'l barra mill-Libya, huwa ma ħax miegħu l-flejjes kollha illi kien akkumula mill-joint venture illi huwa kien għamel ma' partners Libjani bi flus ir-rikorrent.

49. Il-Qorti tosserva wkoll illi, filwaqt li l-intimat jikkontendi li r-rikorrent kien partner fi sħab miegħu u kien jaf bil-business Libjan li kien qed isir, il-kambjalijiet maħruġa a favur tar-rikorrent, inħarġu lkoll f'isem l-intimat personalment, mingħajr ebda

[12] Fol 108
[13] Fol 108

indikazzjoni ta’ terza persuna involut, liema fatt huwa prova ċara illi attwalment il-flejjes kienu ssellfu direttament u personalment lill-intimat li, minn-naħa tiegħu, wiegħed lir-rikorrent illi kien ser ikollu profitti tajbin – liema profitti, madanakollu, qatt ma immaterjalizzaw ruħhom.

50. Il-Qorti, għalhekk, tqis illi mill-assjem tal-provi, jirriżulta ben ippruvat illi r-rikorrent sellef lill-intimat l-ammont ta’ disgħa u ħamsin elf u tmien mitt Euro (€59,800) sabiex l-intimat jinvestihom fi proġett li kellu l-intimat, liema flejjes l-intimat baqa’ qatt ma rritorna lura lir-rikorrent.

51. Għalhekk, l-ammont ta’ disgħa u ħamsin elf u tmien mitt Euro (€59,800) huma dovuti mill-intimat lir-rikorrent u għandhom jintraddu lura minnu.

## KONKLUŻJONI

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali,

Tgħaddi biex taqta’ u tiddeċiedi l-vertenza billi;

**Tiċħad** l-eċċezzjonijiet kollha intimati u,

**Tilqa’** t-talbiet tar-rikorrent limitatament kif ġej, billi

**Tiddikjara** li l-intimat Jason Coleiro huwa debitur lejn ir-rikorrent David Stothard Hansen fl-ammont ta’ disgħa u ħamsin elf u tmien mitt Euro (€59,800), rappreżentanti flus mislufa lilu brevi manu, u għalhekk,

**Tikkundanna** lill-intimat Jason Coleiro iħallas lir-rikorrent David Stothard Hansen is-somma ta’ **disgħa u ħamsin elf u tmien mitt Euro (€59,800)** għar-raġunijiet fuq deskritti.

In vista tad-dilungar inaċċettabbli tal-proċeduri odjerni attribwibbli prinċipalment għall-aġir tal-avukati tal-partijiet, kull parti għandha tbagħti l-ispejjeż tagħha.

**Imgħax** huwa dovut skond il-Liġi mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**